Din il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju għandha ssir nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru 2005, fil-11.00 a.m., fl-uffiċċju bin-numru 34/15, Triq id-Dejqa, il-Belt, Valletta, b'att tan-Nutar Dottor Pierre Falzon.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given by the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 19th July 2005, following an application number 441/2005 of Joseph Micallef, the Court ordered the publication of the inventory of the assets of Joseph Micallef, son of the late Carmelo Micallef and Margherita Micallef neé Inguanez, born and who lived in Rabat (Malta) and died in Attard, on the 2nd March 2002, aged 88, and had identity card number 310913(M).

The publication of the inventory shall be held on Tuesday 6th September 2005, at 11.00 a.m., at the office number 34/15, Strait Street, Valletta by deed of Notary Dr Pierre Falzon.

Registry of the Civil Courts, (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1508

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Lulju 2005, fl-atti tar-rikors 106/2005, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju ta' l-assi ta' Maria u Michael aħwa Agius, ulied il-mejtin Paul u Lucyanne Agius, neé Cassar, imwieldin Pietà u joqogħdu San Pawl il-Baħar.

Din il-pubblikazzjoni għandha ssir nhar l-Erbgħa 7 ta' Settembru 2005, fid-9.00 a.m. fl-uffiċċju numru 34/15, Triq id-Dejqa, il-Belt, Valletta b'att tan-Nutar Dottor Pierre Falzon.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-ReListratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 19th July 2005, in the records of the application 106/2005, ordered the publication of the inventory of the assets of Maria and Michael siblings, Agius, children of the late Paul and Lucyanne Agius neé Cassar, born in Pietà and residing in Saint Paul's Bay.

This publication shall be held on Wednesday 7th September 2005, at 9.00 a.m., at the office number 34/15, Strait Street, Valletta by deed of Notary Dr Pierre Falzon.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1509

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2005, fl-atti tar-rikors ta' Rose Micallef, numru 434/2005, dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Gemma Magro, armla ta' Vincenzo Magro, bint il-mejtin Carmelo Agius u Elena Agius neè Zammit, imwielda Raħal Ġdid u mietet Pietà fid-19 ta' Marzu 2005, ta' 70 sena u kellha karta ta' l-identità numru 108235(M).

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 15th July 2005 , in the records of the application of Rose Micallef, number 434/2005, this Honourable Court ordered the opening and publication of the secret will of Gemma Magro, widow of Vincenzo Magro, daughter of the late Carmelo Agius and Elena Agius neè Zammit, born in Paola and died in Pietà on the 19th March 2005, aged 70 and who had identity card number 108235(M).

Dan il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment sigriet għandhu jsir nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru 2005, fl-10.30 a.m., fl-Annexe tal-Qorti fi 22, Triq id-Dejqa, Valletta fejn din il-Qorti toqgħod b'att tan-Nutar Dottor John Gambin.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The opening and publication of this secret will shall be held on Thursday 15th September 2005, at 10.30 a.m., at the Court Annexe, number 22, Strait Street, Valletta where the Court holds its sitting, by deed of Notary Dr John Gambin.

Registry of the Civil Courts, (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1510

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-15 ta' Lulju 2005, fuq rikors ta' Louis Apap Bologna, rikors numru 462/2005, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Wilfrida Apap Bologna, armla ta' Philip Apap Bologna, bint il-mejtin William Gollcher u Carmela Gollcher neé Fleri , magħrufa ukoll bħala Fleri Soler, imwielda Marsascala, dak iż-żmien limiti ta' Ħaż-Żabbar u mietet Mosta, fis-26 ta' Novembru 2003, ta' 99 sena, u kellha karta ta' l-identità numru 0506004(M).

Dan il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment sigriet għandu jsir nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru 2005, fl-10.00 a.m ., fl-Annexe tal-Qorti, fi 22, Triq id-Dejqa, Valletta fejn din il-Qorti toqgħod b'att tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given by this Court on the 15th July 2005, following an application of Louis Apap Bologna, application number 462/2005, this Honourable Court ordered the opening and publication of the secret will of Wilfrida Apap Bologna, widow of Philip Apap Bologna, daughter of the late William Gollcher and Carmela Gollcher neé Fleri, known also as Fleri Soler, born in Marsascala, at that time limits of Żabbar, and died in Mosta, on the 26th November 2003, aged 99, and had identity card number 0506004(M).

The opening and publication of this secret will shall be held on Thursday 15th September 2005, at 10.00 a.m., at the Court Annexe, at 22, Strait Street, Valletta, where this Court holds its sitting, by deed of Notary Dr Alexander Sceberas Trigona.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1511

Billi Joseph Camilleri u Rose Mary Saliba ppreżentaw ċitazzjoni (Nru. 759/04 GCD) fejn talbu l-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID (Nru. 2119/2002) fir-Reġistru Pubbliku u li se tinstema' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru, 2005, fid-9.00 a.m. fl-Awla 21.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax -il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 21 ta' Lulju, 2005.

ANTONELLA CASSAR
Deputat Reġistratur

Whereas Joseph Camilleri and Rose Mary Saliba filed a writ-of-summons (No. 759/04 GCD) demanding CORRECTIONS in the ACTS OF BIRTH (No. 2119/2002) in the Public Registry and that is going to be heared on Friday, 21st October, 2005, at 9.00 a.m. in Hall 21.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Superior Courts, this 21st day of July, 2005.

ANTONELLA CASSAR
Deputy Registrar

1512

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 2411/00GCD, fl-ismijiet Sebastian Muscat vs Francis Barbara, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellat Francis Barbara, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 2411/00 GCD, fl-ismijiet Sebastian Muscat vs Francis Barbara, ir-rikorrenti Sebastian Muscat ID 935449(M), espona bir-rispett;

Illi l-esponenti, ippreżenta Ċitazzjoni fl-ismijiet fuq premessi fir-Reġistru ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fejn ippremetta;

Illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' (Lm3,520) tlett elef ħames mija u għoxrin lira prezz ta' kwantità ta' 'mobile phones' mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut, u,

Peress illi l-konvenut naqas li jħallas il-prezz għaliex emetta 'cheque' għall-ammont imbagħad ordna l-waqfien ta' l-istess billi rraporta falsament lill-bankiera tiegħu li dan iċ-'cheque' intilef, u,

.....Omissis.....

Peress illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u għalhekk huma applikabbli l-provvediment ta' l-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u cioè bid-dispensa tas-smigħ.

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' (Lm3,520) tlett elef ħames mija u għoxrin lira kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru 3862/00 u Mandat ta' Qbid ippreżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenut li jibqa' inġunt għas-subizzjoni.

.....Omissis.....

Illi b'sentenza tagħha tad-19 ta' Ottubru 2004, l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-esponent appellant.

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat mill-imsemmija sentenza u qed jinterponi umli appell mill-istess.

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 15th July 2005, in the records of the Writ of Summons number 2411/00GCD, in the names Sebastian Muscat vs Francis Barbara, ordered the following publication for the purpose of the respondent Francis Barbara, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal in the records of the Writ of Summons Number 2411/00 GCD, in the names Sebastian Muscat vs Francis Barbara, the applicant Sebastian Muscat ID 935449(M) pleaded with respect;

That the appellant filed a Writ of Summons in the names above premised in the Registrar of the Honourable First Hall Civil Court, whereby he premised;

That the defendant is a debtor of the plaintiff in the sum of (Lm3,520) three thousand five hundred and twenty liri price of a quantity of 'mobile phones' sold and delivered to the defendant, and,

Whereas the defendant failed to pay the price because he 'issued' a cheque for an amount, than he ordered that the same, be stopped, by falsely reporting to his bankers, that this cheque was lost, and,

.....Omissis.....

Whereas this debt is certain, liquidated and due and thus the provisions of Article 167 of the Code of Civil Procedure are applicable;

1. Decide the cause in terms of article 167 of the Civil Code, without proceeding to a hearing.

2. Condemn the defendant to pay the plaintiff the sum of (Lm3,520) three thousand five hundred and twenty liri everything as stated above and for the reasons above premised.

With costs, including those of the Garnishee Order 3862/00 and of the Warrant of Seizure filed together and with interests against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

.....Omissis.....

That by means of a judgement of the 19th October 2004, the Court of First Instance decided by rejecting the plaintiff's demands with costs against the appellant.

That the applicant felt aggrieved by the said judgement and is thus humbly filing an appeal therefrom.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata rriteniet sewwa li la darba l-appellat kien qed jallega l-ħlas, kien jinkombi lilu l-oneru tal-prova li sari l-ħlas.

Illi korrettement ukoll l-Ewwel Qorti qalet li ċertament in-negozju sar ma' l-appellant (mhux kif sostna l-appellat) għaliex l-appellat kien ħareġ ċekk favur l-appellant għall-prezz tal-partita mibjugħa lill-appellat 'il-konvenut ma resaqx eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika ma' l-attur. Għalhekk ma jistax jitqies li qiegħed jikkontesta li n-negozju għamlu ma' l-attur, kif wara kollox, jixhed il-fatt illi iċ-cekk ħarġu favur l-attur'.

Illi skond l-appellat dan ħallas lil ċerta David Coleiro l-flus rappreżentanti ċ-ċekk għaliex ftit wara li ġiet ikkonsenjata l-merkanzija u ċ-ċekk maħruġ, dan allegatament irrapporta lill-appellat li ċ-ċekk kien mitluf.

L-Ewwel Qorti tieħu konjizzjoni tal-fatti rilevanti, li l-appellat ma pproduċa l-ebda rċevuta mingħand David Coleiro, fatt li kemm waqt is-smigħ tax-xhieda kif ukoll fis-sentenza stess, l-Ewwel Qorti tifhem li huwa aġir stramb, anke tenut kont l-ammont involut, u li dan kien minflok ħlas li oriġinarjament sar b' ċekk.

.....Omissis.....

Illi minkejja dan l-Ewwel Qorti ddeċidiet għaliex ħasset li l-kwistjoni għalhekk hija dwar min mill-partijiet għandu jitwemmen, jekk hux l-attur li jgħid illi l-konvenut ma ħallasx, jew il-konvenut li jgħid li ħallas lil Coleiro.

Illi huwa sottomess li attwalment id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti b'ebda mod ma kellha tkun ippernjata sempliċement fuq eżerċizzju bħal dan.

Illi il-każ kollu kellu jitiqies li jiddependi jekk il-konvenut jissodisfax bil-mod li trid il-liġi, il-prova li fil-bidu tas-sentenza appellata, kienet irriteniet l-Ewwel Qorti li kien jinkombi lilu.

Il-konvenut għalhekk huwa tenut skond il-liġi li jġib l-aħjar prova in sostenn ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu.

Kif qatt jista' jitqies li ssodisfa dan ir-rekwiżit tal-liġi, jekk l-appellat la pproduċa rċevuta tal-ħlas, ħaġa din li dehret stramba lill-Ewwel Qorti, u lanqas biss ipprova li jħarrek lil David Coleiro li suppost ħallas għan-nom ta' l-attur appellant.

Illi minkejja l-prezenza ta' David Coleiro u l-fatt li kien bi sħab ma' l-appellant (res inter alios), jekk l-Ewwel Qorti

That the Court of First Instance, in the judgement appealed rightly held that once the respondent was alleging payment, he was bound to prove that payment was made.

That correctly also the Court of First Instance said that certainly, the business was carried out with the appellant (not as the respondent held) because the respondent had issued a cheque in favour of appellant for the price of the consignment sold to the respondent the defendant did not bring forward a plea of lack of juridical relationship with the plaintiff. Thus it cannot be considered, that he is contesting that he carried out the business with the plaintiff, as after all the cheque which was issued in favour of plaintiff, shows.

That according to the respondent, he paid a certain David Coleiro, the money representing the cheque, because after some time that the merchandise was delivered and the cheque issued, he allegedly reported to the respondent that the cheque, was lost.

The Honourable Court of First Instance, takes cognizance of the relevant facts that the appellant did not produce any receipt from David Coleiro, a fact that both during the hearing of the evidence, as well as in the judgement, the Court of First Instance, understands that this is strange behaviour, even considering the amount involved, and this was instead of payment, which originally was made by cheque.

.....Omissis.....

That despite this, the Honourable Court of First Instance, decided because it felt that the dispute is thus regarding who of the parties is to be believed, whether the plaintiff who states the defendant did not pay, or the defendant who states that he paid Coleiro.

That it is submitted that actually the decision of the Honourable Court of First Instance, should have in no manner been based simply on an exercise of this nature.

That all the case should have been considered to depend, on whether the defendant satisfied, as required by law, the proof, which in the beginning of the judgement appealed, the Court of First Instance, upheld he that he was bound to bring.

The defendant, is thus due by law to bring the best proof to sustain his pleas.

How can it be considered that he satisfied these legal requisites, if the respondent did not produce a receipt of payment, a thing which appeared strange to the Court of First Instance, and he did not try to summon David Coleiro, who is supposed to have been paid on behalf of the plaintiff appellant.

That despite the presence of David Coleiro and the fact that he was a partner with the appellant (res inter alios), if the

ddeċidiet kif intqal fuq illi ma jistax jitqies li (l-appellat) qiegħed jikkontesta li n-negozju għamlu ma' l-attur, kif wara kollox, jixhed il-fatt illi c-cheque ħargu favur l-attur, kif tista' imbagħad l-Ewwel Qorti tikkonkludi li ħlas magħmul lil David Coleiro għandu jitqies li sar lill-appellant.

Illi l-Ewwel Qorti mbagħad imkien ma ssemmi x-xhieda bl-affidavit prodotta mill-appellant tal-Bank Manager li ndaħal fil-każ, ċertu Francis Mallia li tinsab a fol. 84.

Minn hawn jidher ċar li sar diskors bejn dan ix-xhud u l-appellat, fil-preżenza xejn anqas ta' David Coleiro. F'din l-okkażjoni l-appellat skond dan ix-xhud ma semmiex li kien ħallas għax-xogħol u lanqas li kien hemm xi persuna oħra mdaħħla fin-negozju.

Illi minn dak kollu fuq imsemmi huwa sottomess li l-Ewwel Qorti ma setax ikollha bażi la fattwali u lanqas legali sabiex tiċħad it-talbiet attriċi.

Għaldaqstant l-esponent filwaqt li jagħmel pjena referenza għall-atti proċesswali u jirriserva li jipproduċi dawk il-provi kollha lilu permessi skond il-liġi, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

Notifika: Francis Barbara
MPC Mobile Phone Centre,
Independence Avenue, Mosta.

Reġistru tal-Qrati Superjui (Appelli) illum 21 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court of First Instance decided as stated above that it cannot be decided that (the respondent) is contesting that he did the business with the plaintiff, as after all is evidenced by the fact that he issued the cheque in favour of plaintiff how can the Court of First Instance decide that payment made to David Coleiro is to be considered to have been made to appellant.

Then the Court of First Instance, nowhere mentions the evidence by affidavit produced by the appellant of the Bank Manager that a certain Francis Mallia got involved in the case a. fol. 84.

From here, it clearly appears that the witness and the respondent had talked, in the presence of David Coleiro. On this occasion, the respondent, according to this witness did not mention that it was payment for work nor that there was any other person involved in the business.

That from all that mentioned above, it is submitted, that the Court of First Instance could not have had a factual or legal basis to reject plaintiff's claims.

Thus the applicant whilst completely referring to the records of the proceedings and reserves to produce all the proof permitted to him by law, humbly asks this Honourable Court, to revoke the judgement appealed by upholding the demands of the plaintiff, with costs against the respondent.

Notify: Francis Barbara
MPC Mobile Phone Centre,
Independence Avenue, Mosta.

Registry of the Superior Courts, (Appeals) today 21st July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1513

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Mejju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1266/2003 RCP, fl-ismijiet Helen Lorna Falzon vs Desmond Falzon, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Helen Lorna Falzon, ippreżentat, Ċitazzjoni fil-25 ta' Novembru 2003, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Desmond Falzon, fejn talbet il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba vjolenza , moħqrija, eċċessi u inġurji gravi kif ukoll talli ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 31st May 2005, in the records of the Writ of Summons Number 1266/2003 RCP, in the names Helen Lorna Falzon vs Desmond Falzon, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Helen Lorna Falzon, filed a Writ of Summons on the 25th November 2003, in the First Hall Civil Court, against Desmond Falzon, whereby she asked the defendant why this Honourable Court should not for the reasons premised:

declare the personal separation between the parties due to violence, cruelty, excesses, and grievous insults, as well as because the marriage irretrievably broke down due to faults solely imputable to the defendant;

tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenut m'għandu ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

tordna lill-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari hekk stabbilita mill-Qorti, għaliha u għall-minuri wliedha u dan taħt dawk il-modalitajiet speċifikati mill-istess Qorti;

tafda l-kura u kustodja tal-minuri ....Omissis.... aħwa Falzon f'idejn l-attriċi, bi dritt ta' aċċess taħt superviżjoni tal-pulizija lill-konvenut;

tordna l-konvenut jivvaka mill-fond numru 1, Blackman Court, Triq il-Mimosa, Guardamangia, liema fond għandu jibqa' abitat esklussivament mill-attriċi u t-tfal tagħha, stante li dan l-istess fond huwa propjetà parafernali tagħha;

tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 50 Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Konvenut: 53, Sqaq Britanika, Ħal Tarxien.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 1266/03 RCP, fl-ismijiet Helen Lorna Falzon vs Desmond Falzon, li kienet kanċellata mill-10 ta' Ġunju 2004, ġiet b'digriet tad-9 ta' Marzu 2005, rijappuntata għas-smigħ għal-11 ta' Ottubru 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 22 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

to order the dissolution of the community of acquests existing between the parties, liquidate the same and declare that the defendant has no right on the same acquisitions;

to order the defendant to provide the adequate maintenance established by the Court for her and the minor children and this under those modalities specified by the same Court;

to entrust the care and custody of the minors ....Omissis.... siblings Falzon, to the plaintiff, with a right of access under police supervision to the defendant;

to order the defendant to vacate the premises number 1, Blackman Court, Mimosa Street, Guardamangia, which premises is to continue to be inhabited exclusively by the plaintiff and her children, since this premises is her paraphernal property;

to apply against the defendant all the effects of Articles 48 and 50 of Chapter 16 of the Laws of Malta and this where applicable.

With costs, against the defendant who is summond so that a reference to his evidence be made.

Defendant: 53, Sqaq Britanika, Tarxien.

The cause Writ of Summons Number 1266/03 RCP, in the names Helen Lorna Falzon vs Desmond Falzon, which had been cancelled from the 10th June 2004, was be decree of the 9th March 2005, reappointed for hearing to the 11th October 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 22nd July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1514

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi fuq rikors ta' Emanuel Vella, rikors numru 465/2005, u ta' Jinnie Cilia, Josephine Vella, Doris Abela, Charles Vella, Joseph Vella u Margaret Cutajar, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom u dan fi kwota ta' settima parti (1/7) kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Fatima Maria Vella, xebba, bint ir-rikorrent Emanuel Vella u l-mejta Rita neé Agius, imwielda Ħal Għaxaq, fejn kienet toqgħod u miet fit-3 ta' Mejju 2004, ta' 54 sena u li kellha karta ta' l-identità numru 430849(M) u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x' jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu

It is hereby notified that following an application of Emanuel Vella, application number 465/2005, and of Jinnie Cilia, Josephine Vella, Doris Abela, Charles Vella, Joseph Vella and Margaret Cutajar, whereby they asked that it be declared open in their favour and this in the quota of one-seventh (1/7) in favour of each one of them the Succession of Fatima Maria Vella, unmarried, daughter of the applicant Emanuel Vella and the late Rita neé Agius, born in Għaxaq, where she resided and died, intestate, on the 3rd May 2004, aged 54 and who had identity card number 430849(M), and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of

537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratrur, Qrati Ċivili u Tribunali

Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1515

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2734/2005, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Sadviour Deguara (ID Numru 470670M) ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 28th June 2005, in the records of the judicial letter number 2734/2005, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Deguara (ID Number 470670M) ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

Illum 8 ta' Ġunju 2005.

Lil Saviour Deguara

Bil-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. filwaqt illi tirreferik għall-kuntratt datat 14 ta' Dicembru 2002, in atti Nutar Dottor Patrick Critien fejn inti ggarantejt flimkien u 'in solidum' mas-soċjetà Savlynn Company Limited, għaffavur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Savlynn Company Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta' mija u wieħed u erbgħin elf, disa' mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u tletin ċenteżmu (Lm141,985.30) bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' ta' Savlynn Company Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in, atti Nutar Dottor Patrick Critien datat 14 ta' Diċembru 2002, fejn inti ddikjarajt ruħek, veru, ċert u likwidu debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma mija u tmintax-il elf, sitt mija u erbgħa u ħamsin lira Maltija (Lm118,654.00) flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Intimat: Saviour Deguara
(ID 470670M)

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. whilst referring to the contract dated 14th December 2002, in the records of Notary Dr Patrick Critien whereby you guaranteed together and 'in solidum' with the company Savlynn Company Limited, in favour of the Bank of Valletta p.l.c. the debts of the same Savlynn Company Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of one hundred forty one thousand nine hundred and eighty five Maltese liri and thirty cents (Lm141,985.30) balance of debt in the 'Loan and Overdraft Accounts' of Savlynn Company Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 1st April 2005, till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly but not exclusively in order to render executable the contract of constitution of debt in the records of Notary Dr Patrick Critien dated 14th December 2002, whereby you guaranteed yourself, a true certain and liquid debtor of applicant company in the sum of one hundred and eighteen thousand, six hundred fifty four Maltese liri (Lm118,654.00) together with further interest till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Respondent: Saviour Deguara
(ID 470670 M)

Limestone Flats, Nru. 6, Winter Street,
Buġibba, Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Limestone Flats, No. 6, Winter Street,
Buġibba, Malta.

Registry of the Superior Courts, today 22nd July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1516

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2732/2005, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Savlynn Company Limited (C 16831) ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

Illum 8 ta' Ġunju 2005.

Lil Savlynn Company Limited

Bil-presenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas s-somma ta' mija u wieħed u erbgħin elf, disa' mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u tletin ċenteżmu (Lm141,985.30) bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in, atti Nutar Dottor Patrick Critien datat 14 ta' Diċembru 2002, fejn inti ddikjarajt ruħek, veru, ċert u likwida debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma mija u tmintax-il elf, sitt mija u erbgħa u ħamsin lira Maltija (Lm118,654.00) flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta Ltd.,
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Intimat: Savlynn Company Limited (C 16831)
Demsey Bar, Winter Street,
Buġibba, Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 28th June 2005, in the records of the judicial letter number 2732/2005, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Savlynn Company Limited (C 16831) ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court.

Today 8th June 2005.

To Savlynn Company Limited

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of one hundred forty one thousand nine hundred and eighty five Maltese liri and thirty cents (Lm141,985.30) balance of debt in the 'Loan and Overdraft Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 1st April 2005, till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly but not exclusively in order to render executable the contract of constitution of debt in the records of Notary Dr Patrick Critien dated 14th December 2002, whereby you declared yourself, a true certain and liquid debtor of applicant company in the sum of one hundred and eighteen thousand, six hundred fifty four Maltese liri (Lm118,654.00) together with further interest till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta Ltd.,
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Respondent: Savlynn Company Limited (C 16831)
Demsey Bar, Winter Street,
Buġibba, Malta.

Registry of the Superior Courts, today 22nd July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1517

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Ġunju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692) ta' Zachary House, Qasam Industrijali il-Marsa, Marsa, ippreżentaw Talba fit-22 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmel Pace ta' 131, Jasmine, Triq il-Fuxa, San Ġwann, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u sitta u tmenin lira Maltija (Lm886) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 895/05JR) hija differita għas-16 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m..

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 16th June 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692) of Zachary House, Marsa Industrial Estate, Marsa, filed a claim on the 22nd April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Carmel Pace of 131, Jasmine, Triq il-Fuxa, San Ġwann to pay the plaintiff company the sum of eight hundred and eighty six Maltese liri (Lm886) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 895/05JR) is put off to the 16th September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1518

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Carmelo Bellizzi ta' 3, Triq Mons F.X. Zahra, Ħal Balzan, ippreżenta Talba fil-15 ta' Lulju 2005, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sandro Vella ta' Nostalgia, Mosta Road, San Pawl il-Baħar u Ronald Esquer ta' Foster Clarkes, Qasam Industrijali San Ġwann, u b'digriet tat-Tribunal tal-21 ta' Ġunju 2005 l-ismijiet tal-konvenuti għandhom jinqraw Alexander Vella u Ronald Ezguery Echandia jħallsu lill-attur s-somma ta' mitejn u sebgħin lira Maltija (Lm270) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Talba Numru 1460/04PBC) hija differita għat-3 ta' Novembru 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 13th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Carmelo Bellizzi of 3, Triq Mons F.X. Zahra, Balzan, filed a Claim on the 15th July 2005 whereby he asked the Tribunal to condemn Sandro Vella of Nostalgia, Mosta Road, St Paul's Bay and Ronald Esquer of Foster Clarkes, San Ġwann Industrial Estate and by a decree of the Tribunal of the 21st June 2005 the names of the defendants are to be read Alexander Vella and Ronald Ezguery, to pay the plaintiff the sum of two hundred and seventy Maltese liri (Lm270) which amount is due to the plaintiff.

With costs.

The case (Claim Number 1460/04PBC) is put off to the 3rd November 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1519

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-14 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mirachem (Marketing) Ltd (C8790) ta' Mira Buildings, Triq Ka. Karmnu Pirotta, Birkirkara, ippreżenta Talba fil-25 ta' Mejju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jesmond Sant (ID 17766M) ta' "Our House", Triq il-Port, Mosta jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, mitejn u disa' liri Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm1,209.24) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1153/05PBC) hija differita għall-10 ta' Novembru 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 14th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mirachem (Marketing) Ltd (C8790) of Mira Buildings, Triq Ka. Karmnu Pirotta, Birkirkara, filed a Claim on the 25th May 2005 whereby he asked the Tribunal to condemn Jesmond Sant (ID 17766M) of "Our House", Triq il-Port, Mosta to pay the plaintiff company the sum of one thousand, two hundred and nine Maltese liri and twenty four cents (Lm1,209.24) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1153/05PBC) is put off to the 10th November 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1520

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2005 mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Raymond Vella hawn taħt imsemmi, għall-fini ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-soċjetà attriċi Maltacom Plc ta' Spencer Hill, Marsa, Malta, ippreżentat Avviż tat-Talba numru 31/2005(GM) fl-ismijiet "Maltacom Plc vs Raymond Vella", fl-4 ta' April 2005 fejn talbet li l-konvenut Raymond Vella ta' "Chrisdevel Court", Nru. 3, Triq Francis Zahra, Mellieħa, Malta jiġi kkundannat iħallas l-ammont ta' elf, tlieta u erbgħin lira Maltin u disgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm1,043.59) ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon.

Dan l-avviż jinsab differit għal nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2005 fil-11.30 a.m.

Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Għawdex),
Illum 25 ta' Lulju 2005

MIRIAM VELLA
Skrivana

IT is hereby notified that by virtue of a decree delivered on the 15th July 2005, The Small Claims Tribunal (Gozo), ordered the publication of the following notice for the purposes of service in respect of defendant Raymond Vella, hereunder mentioned, in terms of section 187(3) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

The company Maltacom plc of Spencer Hill, Marsa, Malta, filed a notice of a Claim number 31/2005(GM) in names "Maltacom Plc vs Raymond Vella", on the 4th April 2005 wherein it requested that defendant Raymond Vella, "Chrisdeve Court", No. 3, Triq Francis Zahra, Mellieħa, Malta be ordered to pay the amount of one thousand and thirty four Maltese liri and fifty nine cents (Lm1,043.59) in connection with the telephone services.

This case is adjourned for Friday, 30th September 2005 at 11.30 a.m.

Small Claims Tribunal (Gozo),
This 25th July 2005

MIRIAM VELLA
Clerk

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*